# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum il-Hamis, 9 ta’ Marzu 2017**

**Rikors Numru : 742/2016/LSO**

**Wara l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Numru 1058/16 Mahrug fil-15 ta' Lulju 2016 fl-ismijiet: -**

**Emanuela Schembri (260164 M), Gemma Mercieca (39559 M), Maria Dolores Attard (29665 M), Philip Mifsud (376457 M), Agnes Zammit (391654 M) u Joseph Mifsud**

**vs**

**Michael Mifsud**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta’ Michael Mifsud (443331 (M)) c/o 42, Triq Ebona, Zebbug, Malta, maghmul fit-termini ta' l-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta datat 26 ta’ Awwissu 2016 fejn espona: -

Illi s-sekwestranti intavolaw dan il-mandat kawtelatorju sabiex jikkawtelaw pretensjoni taghhom kontra missierhom stess ghal hlas tas-sehem riservat fuq il-wirt ta' ommhom.

Illi minbarra dan il-mandat is-sekwestranti intavolaw mandat iehor (ta' inibizzjoni) sabiex ma tinbieghx il-proprjeta` ta' l-omm kollha kemm hi fejn jirrizulta illi hemm proprjeta` konsiderevoli u ta' valur sostanzjali. L-esponenti aderixxa ghal dan il-mandat u dan l-istess mandat gie akkolt. Il-mandat fl-istess ismijiet igib in-numru 1067/16.

Illi l-hlas tal-legittima huwa ampjament kawtelat b'dak il-mandat, fejn il-mandat inhareg fuq il-proprjeta` immobbli **kollha** li kellha l-omm; dan meta huwa stabbilit legalment illi l-legittima ma tistax taqbez nofs il-proprjeta` tad-decius, u fejn f’ din il-proecedura tlieta minn l-ahwa l-anqas qed ifittxu ghal legittima.

Illi ghalhekk il-pretensjoni tas-sekwestranti hija gia ben kawtelata.

Illi min-naha l-ohra dan il-mandat ta' sekwestru qed jaffettwa negattivament lill-esponenti *stante* illi qed jolqot il-flus li huwa ghandu imgemmghin fil-bank u li huma flus li jghajtu lilu u mhux gejjin mill-wirt ta' martu, u sahansitra l-pensjoni u l-beneficcji socjali tieghu.

Illi l-esponenti jemmen illi fit-termini ta' l-artikolu 836 (i) din il-pretensjoni tinsab diga` kkawtelata tajjeb permezz ta' mandat kawtelatorju iehor. Illi f' tali cirkostanzi l-ligi tippermetti l-elevazzjoni ta' dan il-mandat.

Illi in oltre l-esponenti jemmen ukoll illi minhabba l-fatt illi dan il-mandat qed jirristringieh fir-rigward ta' dawk li huma flusu personali (mhux gejjn minn wirt) u dawk li huma introjti ta' pensjoni u beneficcji socjali ma huwiex ragonevoli li dan il-mandat jibqa' fis-sehh.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet suesposti liema ragunijiet jinkwadraw ruhhom fir-rekwiziti msejha minn l-artikolu 836 (i) paragrafi 'c' u 'f' tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tirrevoka u thassar dan il-mandat kawtelatorju.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2016.

Rat ir-risposta ta' Emanuela Schembri (ID 260164M) et datata 25 ta' Ottubru 2016 (fol 11) fejn esponiet :

Illi l-esponenti ntavolaw Mandat ta' Inibizzjoni numru 1067/2016 u l-Mandat ta' Sekwestru odjern sabiex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom in linea tal-porzjoni risevata spettanti lilhom mis-successjoni ta' ommhom id-defunta Maria Assunta Mifsud.

Illi l-esponenti ntavolaw ukoll il-kawza opportuna ghall-likwidazzjoni u l-hlas tal-porzjoni riservata.

Illi omm il-kontendenti kienet sid flimkien ma' zewgha ta' diversi proprjetajiet immobbiljari, flus fil-banek, flus kontanti fl-idejn u bosta oggetti tad-deheb li kienu jinzammu f' *safe deposit boxes* u fid-dar. Illi inoltre, matul iz-zmien saru wkoll diversi donazzjonijiet ta' flus u proprjeta' mmobbli lill-diversi persuni, u ghalhekk hemm il-htiega li ssir ir-integrazzjoni fittizzja tal-patrimonju kollu li kellha d-defunta Maria Assunta Mifsud, kif ukoll stima tal-proprjeta` immobbli u deheb qabel jkun maghruf ezattament l-entita` tas-sehem riservat.

Illi permezz ta' risposta ghall-Mandat ta' Inibizzjoni surreferit, ir-rikorrenti argumentaw illi hafna mill-proprjeta` immobbli ndikata fil-mandat kienet inbieghet jew b' xi mod trasferita, oltre ukoll il-fatt illi l-mandat intlaqa' limitatament fuq is-sehem indiviz tad-defunta Maria Assunta Mifsud, izda mhux ukoll fuq sehem ir-rikorrent.

Illi s-somma ndikata fil-Mandat ta' Sekwestru u tal-Mandat ta' Inibizzjoni hija bbazata fuq il-valur approssimattiv tal-immobbli kif kunsidrat mill-esponenti, imma ma tiehux kont ukoll il-valur tal-flus depozitati, flus kontanti, ammont konsiderevoli ta' oggetti tad-deheb u donazzjonijiet ta' flus, ghamara u pittura antika u immobbli li saru matul iz-zmien mid-defunta Maria Assunta Mifsud. Illi l-valur tal-patrimonju shih ghall-fini ta' rintegrazzjoni ghadu mhux maghruf, u ghalhekk il-Mandat ta' Sekwestru huwa mehtieg sabiex jikkawtela d-drittijiet tal-esponenti. Illi fi kwalunkwe kaz, hija dina l-Onorabbli Qorti fil-kawza proprja li ghandha tiddettermina l-valur tal-patrimonju shih u l-likwidazzjoni tal-porzjoni riservata, u ghalhekk f’ dan l-istadju huwa prematur li wiehed jiddetermina s-sufficjenza *o meno* tal-kawtela li hemm illum.

Illi fi kwalunkwe kaz il-porzjoni riservata ghandha tithallas fl-ewwel lok fi flus, u ghalhekk dawn id-depoziti bankarji sekwestrati ghandhom jkunu priservati almenu sabiex jsir hlas in parti bihom aktar ‘l quddiem. Tajjeb li wiehed jissolleva li l-pressjoni kollha sabiex dan il-mandat jkun revokat, qieghda ssir minn Charles u Anna konjugi Mifsud li hadu l-kontroll fiziku, shih u assolut tar-rikorrent, bl-intiza cara li jittentaw jehdulu kull ma ghandu nkluzi dak ta' ommhom. L-esponenti qieghdin kontinwament jkunu mcahhda minn dawn Charles u Anna Mifsud milli jmorru jaraw lil missierhom jew b' xi mod jithallew jiehdu ghadhom ghal xi hin lil missierhom li ghandu eta` avvanzata. Dawn il-proceduri gew inizjati ghaliex Charles u Anna Mifsud kienu qed jippjanaw li jixtru ziemel ghas-somma fenominali ta'

€35,000 u meta hadu lir-rikorrent il-bank sabiex jigbed il-flus u jaghtihomlhom ghall-finijiet imsemmija, gew rinfaccati mis-sekwestru odjern.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet kollha, ir-rikors ghar-revoka tal-Mandat Sekwestru ghandu jkun michud bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta 28 ta' Frar 2017 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru Dr Kevin Mampalao u Dr Victor Bugeja. Dr Mampalao talab korrezzjoni fir-rikors sabiex fl-okkju tar-rikors jizdied Joseph Mifsud. Il-Qorti ordnat il-korrezzjoni rikjesta. Joseph Mifsud u r-rikorrenti l-ohra ghaddew ruhhom b'notifikati bir-rikors kif korrett. Dr Mampalao talab l-allegazzjoni tal-MI 1067/2016. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-allegazzjoni mitluba. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi dan huwa rikors ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju Numru 1058/16 SM li nhareg mill-intimati ezekutanti biex jikkawtelaw il-pretensjonijiet taghhom kontra Michael Mifsud, missierhom stess, ghall-hlas tas-sehem riservat fuq il-wirt ta' ommhom.

Ikkonsidrat li r-rikorrent qed jitlob it-thassir ta' Mandat ta' Sekwestru billi ssottometta li l-istess intimati ezekutanti diga ntavolaw Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tieghu, biex ma tinbieghx il-proprjeta` tal-omm, u peress li hemm proprjeta` konsiderevoli. Sostna li l-legittima hija ampjament kawtelata permezz ta' dak il-mandat. Inoltre`, r-rikorrent qed jikkontendi li minhabba l-fatt li dan il-mandat qed jirrestringilu flusu personali, mhuwiex ragonevoli li dan il-Mandat jibqa' fis-sehh.

**<u>Konsiderazzjoni ta' Dritt:</u>**

Illi dan ir-rikors qed isir abbazi tal-artikolu 836 (1) (c) u (f) tal-Kap 12 li jipprovdi:

*"**836.** (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatroju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(c) jekk ikun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug tal-att kawtelatorju iehor jew inkella dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjoni tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni;*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

Illi kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed *prima facie* u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet (Ara P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001 **"Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd."**).

Illi ghandu jinghad ukoll li dak li l-Qorti trid tasal ghalih f'dawn il-proceduri ma ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu. L-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma ezami x'aktarx formali ta' l-att li tieghu qieghed jintalab ir-revoka. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbuziv. (Ara Kumm. GMA 23 ta' Gunju 1994: "**Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia nomine et**"). Illi dan ifisser illi l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghal azzjoni gudizzjarja ma ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kkontestat jigi definit minn Qorti. ("**Vincent Mercieca vs George Galea**" – P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001; **"Technobroadcast s.r.l. vs Mediterranean Broadcasting Limited"** - P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2007).

Il-Qorti ser tghaddi biex tezamina is-subartikli citati mir-rikorrent fid-dawl tal-fatti li ghandha quddiemha.

**L-Art. 836(1)(c)**

F'dan il-kuntest, jinghad li sabiex il-Qorti tasal ghat-thassir ta' mandat skont l-artikolu 836(1) (c) tal-Kap 12, din il-Qorti trid tkun sodisfatta li hemm garanzija ohra li tista' tassigura l-pretensjoni dovuta. (ara **Mabrouk Limited vs Joseph Ciantar**, P.A. (JZM) deciza fl-10 ta' Jannar 2013).

Referribbilment ghal dan is-subinciz, 1(c) ir-rikorrent indika Mandat ta' Inibizzjoni numru 1067/2016/1. <u>Madanakollu</u> dan il-mandat ma giex akkolt kontrarjament ghal dak premess mir-rikorrent, kif jirrizulta mill-verbal f'dawk l-atti tad-9 ta' Awwissu 2016 fejn il-Qorti ddikjarat li "*ma tqis aktar r-Rikors ."* Difatti l-formola relattiva mhiex iffirmata bhala akkordata minn ebda gudikant.

Inoltre li ma jghidx ir-rikorrent odjern huwa li fir-risposta ghat-talba ghall-hurg tal-Mandat ta' Inibizzjoni irrileva li uhud mill-imobbli hemm indikati kienu gja inbieghu.

Illi li tinnota din il-Qorti huwa li fil-verbal imsemmi kien hemm qbil bejn il-partijiet u Michael Mifsud fejn huwa ntrabat fl-atti li ma jiddisponix taht l-ebda titlu mis-sehem tal-proprjeta' li jappartjeni lill-wirt ta' Maria Assunta Mifsud sakemm tinqata' l-kawza.

Ikkonsidrat li dan jorbot lir-rikorrent u ghalkemm il-Mandat ma inharigx, ir-rabta hekk maghmula ghandha l-effett ta' *quasi contract* billi saret quddiem il-Qorti.

Madanakollu l-Qorti hi tal-fehma konsiderata li r-rikorrent f'dawn l-atti odjerni ma rnexxielux juri li ma hemmx aktar htiega ghall-mandat ta' sekwestru fit-termini ccitati. Huwa minnu li s-sekwestratarji ghandhom dritt ghall-valur ekwivalenti ghas-sehem taghhom minn nofs il-wirt tad-defunta ommhom. Ir-rikorrent da parti tieghu igawdi minn sehemu mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti oltre l-wirt ta' martu. Izda s-sekwestratarji fir-risposta tagghom issottomettew li saru diversi donazzjonijiet mill-omm *vita durante* u hemm il-htiega tal-mandat biex tkopri l-valuri taghhom billi ghandha ssir ir-riunjoni fittizja taghhom ghall-iskop tal-komputazzjoni tal-legittima. Huma jsostnu li l-immobbli mhumiex bizzejjed biex jissoddisfaw u jikkawtelaw il-pretensjoni taghhom.

Din il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrent li peress li hemm numru konsiderevoli ta’ proprjetajiet, dan ghandu jkopri dak pretiz ghar-rigward tal-legittima. Il-legittima tissarraf f'kreditu monetarju likwidabbli wara li l-patrimonju jerga' jigi rikostruwit. Taqbel ma’ dak sottomess fir-risposta tal-intimati ezekutanti, li l-valur tal-patrimonju shih tal-omm defunta ghadu mhuwiex stabbilit u maghruf, *ai fini* tar-reintegrazzjonili u ghalhekk f’dan l-istadju, ma jistax jinghad li m’hemmx aktar lok tal-Mandat ta’ Sekwestru.

Kwidi din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrent ma ppruvax li l-kreditu pretiz mill-intimati ezekutanti huwa diga sufficjentement kawtelat.

Referibbilment ghas-subinciz iccitat mir-rikorrent l-**artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12**.

Illi din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "Spiteri vs Darmanin" – P.A. (JRM) deciza fil-25 ta' Awwissu 2010 ma hallietx dubju dwar l-interpretazzjoni korretta ta' dan is-subartiklu u rriteniet: "*illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, **wara l-hrug ta' mandat**, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh.* (*Ara **"Dr. Tonio Fenech noe. Vs Dr. Patrick Spiteri et noe.** – P.A. (GC) ta' Awwissu 2001). Din it-tifsira tohrog mill-kliem jinzamm u aktar mehtieg li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz."*

Illi fil-kaz fl-ismijiet "***Stewart Desmond Stanley vs Therese Mangion Galea"*** tad-29 ta' Lulju 2005, din il-Qorti kif diversament presjeduta, fl-analiżi tagħha tas-subartikolu 836(1)(f) iċċitat il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' Mandat:

*"Il-ħtiġijiet tal-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbiltá tal-persuna li tkun talbitu".*

Illi ma jirrizultax li kien hemm xi bidla f'dawn ir-rekwiziti minn meta inhareg il-mandat. Ghalhekk din il-kawzali mhix gustifikata.

Fid-dawl tal-premess il-Qorti ser tghaddi biex tichad it-talba ghal revoka tal-mandat billi ma jirrizultawx l-estremi rikjesti ghall-applikazzjoni tal-artikolu 836(1) (c) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad it-talba tar-rikorrent kif dedotta ghar-ragunijiet spjegati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Degretat.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**09 ta' Marzu 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**09 ta' Marzu 2017**